MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Numru. 537/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**v**

**JASON ZAMMIT bin Vincent u Rita nee' Spiteri, imwieled fid-disgha w ghoxrin ta' April, 1974 u residenti "Jassyl", Triq Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 10174G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JASON ZAMMIT** bin Vincent u Rita nee' Spiteri, imwieled fid-disgha w ghoxrin ta' April, 1974 u residenti "Jassyl", Triq Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 10174G gie mressaq

quddiemha u akkuzat talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fl-ghaxra [10] ta' Gunju 2005 u/jew fil-granet ta' qabel, fil-hanut 'The Bargain Electronics', sitwat fi Triq Monsinhjur Pawlu Pace, Rabat, Ghawdex, naqas hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita numru ghaxra [10] tat-Tlettax il-Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti numru 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti numru 1 u 2 tat-Tlettax –il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Peress li jirrizulta li hemm taxxa perikolata ta' tlieta w tmenin lira u disgha w hamsin centezmu [Lm83. 59, 0,] il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, timponi multa ohra li tkun daqs ghaxar darbiet it-taxxa perikolata, u dan skond l-artikolu 77 ta' l-Att Numru XXIII ta' l-1998.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghal akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lir-rappresentant tal-VAT Department jghid li ma kienx qed jinsisti fuq t-taxxa perikolat.

Ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-partita numru ghaxra [10] li tinsab ma' l-Att numru XIII ta' l-1998 dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, l-partiti numru 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda, l-artikoli 51 u 77 (a)(e) u 81 u 82(2) ta' l-Att numru XXIII ta' l-1998, u l-artikolu 77 ta' l-Att numru XXIII ta' l-1998, **tiddikjara li ssib lil imputat JASON ZAMMIT hati fuq ammissjoni tieghu stess tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira [300] maltin**, liema multa bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin [50] lira bl-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-hmistax [15] ta' Mejju 2006.

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza dwar t-taxxa perikolata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------